# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 252/2020 JPG**

**Kawza Numru : 34**

**AV**

**Vs.**

**YV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AV datat 6 ta' Awwissu 2020 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-9 t'Ottubru 1987 ġewwa Malta u l-istess żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1737/1987 (ċertifikat anness u mmarkat '**Dok A**');*

2. *Illi mill-istess żwieġ twieldu żewġt itfal CV u JV, li llum-il ġurnata huma maġġorenni;*

3. *Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Nicholas Vella fis-7 t'Awissu 1997 (kuntratt anness u mmarkat '**Dok B**') wara li ġew debitament awtorizzati;*

4. *Illi ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda tama ta'*

*rikonċiljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi l-partijiet ma għexux flimkien sa mis-sena 1997 u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;*

***GĦALDAQSTANT**, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

*(ii)Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi reġistrat;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' YV, datata 22 ta' Dicembru 2020, li taqra hekk:

*Illi wara illi qrat ir-rikors ta' AV l-mittenti ma ssib l-ebda oggezzjoni sabiex dan iz-zwieg jinhall u sabiex jinghata id-divorzju.*

*Ghaldaqstant, il-mittenti umilment tinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi hi ma issib l-ebda oggezzjoni sabiex:*

*i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet mahlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*ii) Illi tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss min dan l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jigi registrat.*

*Bl-ispejjez*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**YV** xehdet (vide affidavit a fol 16) illi hija zzewwget lil l-attur nhar id-9 ta' Ottubru 1987 u li minn dan iz-zwieg kellha zewgt ibniet, illum maggorenni. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni nhar lis-7 t'Awwissu 1997 in atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella. Xehdet illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment u lanqas possibbilita ta' rikonciljazzjoni. Finalment sostniet li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju kif mitlub mill-attur.

**AV xehed** (vide affidavit fol 31) fejn ikkonferma u kkollabora dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Ottubru 1987, liema zwieg jgib certifikat numru 1737/1987 (vide certifikat taz-zwieg Dok A, a fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ibniet.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat 7 ta' Awwissu 1997 (vide Dok. B fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1737/1987 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**